**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI FAMILJA**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Ġuramentat numru 27/2019MV fl-ismijiet:**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Illum, l-14 ta' Diċembru 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' AB ippreżentat u maħluf fis-17 ta' Ottubru 2019 fejn tesponi bir- rispett u bil-ġurament tikkonferma:

Illi l-partijiet iżżewġu fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi minn dan iż-żwieġ għandhom tifel wieħed EF li twieled fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datati tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor George Pisani anness u markat bhala dokument B;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba' (4) snin;

Illi m'hemm ebda prospett raġenovoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarr li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-artikolu 2 tal-imsemmi kuntratt il-partijiet iddeikadew reċiorkament mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin;

Illi ebda' mantiment ma huwa dovut għat-tifel u dan għar-raġunijiet spjegati fl-artikolu 3 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2020 fejn il-konvenut iddikjara illi huwa m'għandux oġġezzjoni għat-talba tal-attriċi.

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax ir-risposta ġuramentata għalkemm il-Qorti ikkonċediet terminu ta' għoxrin (20) jum għar-risposta tiegħu, u dan bi qbil mal-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2020, fejn il-konvenut reġa ddikjara illi mhux joġġezzjona għat-talba u l-partijiet qablu illi l-kawża tista' tibqa' differita għas-sentenza.

Rat id–dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi ddikjarat: Illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008); Illi minn dan iż-żwieġ għandhom tifel wieħed EF li twieled fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008); Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex; Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datati tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor George Pisani anness u markat bhala dokument B; Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba' (4) snin; Illi m'hemm ebda prospett raġenovoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin; Illi skont l-artikolu 2 tal-imsemmi kuntratt il-partijiet iddeikadew reċiorkament mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin; Illi ebda' mantiment ma huwa dovut għat-tifel u dan għar-raġunijiet spjegati fl-artikolu 3 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali;

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jinghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li: (a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih*

*preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid*-data *tas-separazzjoni legali; u (b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn ilmiżżewġin; u (ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57: Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:* [...]

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta sodisfaċentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewġu fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u minn dan iż-żwieġ għandhom iben;

Illi jirriżulta sodisfacentament pruvat ukoll illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin ma jgħixux flimkien;

Illi jirriżulta wkoll illi ma hemmx pendenzi ta' ħlasijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta suffiċjentement li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtiega mil-liġi sabiex z-zwieġ jiġi maħlul.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Monica Vella
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur